MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Numru. 61/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Stephen Mamo**

Numru: 61/2012

Illum 26 ta’ Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Stephen Mamo**, ta’ erbghin (40) sena, iben Joseph u Loreta neé Agius, imwieled Attard, Malta, nhar is-17 ta’ Ottubru, 1971, residenti Sagra Famiglia, Triq il-Bies, Kercem, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 466871(M),

akkuzat talli nhar l-20 ta' Lulju 2012 u fil-granet ta' qabel, kif ukoll fix-xhur ta' qabel gewwa Kercem, Ghawdex u f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Tanya Mamo (ID No. 24872G) hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Portelli MD;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb ghall-persuna ta' martu Tanya Mamo (ID No. 24872G);

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded lill-persuna ta' martu Tanya Mamo (ID No. 24872G);

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioé lil martu Tanya Mamo (ID No. 24872G) biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon-ordni b'ghajjat u glied;

6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr ma' kellu licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

7. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal kliem oxxen jew indecenti, kif ukoll dagha fil-pubbliku;

8. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil martu Tanya Mamo (ID No. 24872G) b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li kien ta' fastidju ghal dik il-persuna;

9. talli sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-23 ta' Lulju 2010 (Prim Imhallef Dr. V. De Geatano LL.D.) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta’ Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-kwerelanta Tanya Mamo tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-kwerelanta Tanya Mamo tiddikjara li l-imputat huwa r-ragel taghha u li llum il-gurnata huma t-tnejn solvew il-pendenzi ta’ bejniethom tant li regghu nghaqdu fil-hajja matrimonjali u semghetha wkoll tghid li hadd ma sforzaha tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja, u fir-rigward tar-raba’ (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba’ (7), tat-tmien (8) u tad-disa’ (9) imputazzjonijiet, tillibera lill-imputat, fuq nuqqas ta’ provi.

Finalment, in segwitu ta’ dak dikjarat mill-kwerelanta fis-seduta tallum, fejn irrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------